**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Ottubru, 2017

Rikors Kongunt Nru : 245/17AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew :

Illi l-partijiet izzewgu gewwa Malta fit-22 ta` Novembru tas-sena 1986 (Ara Dok. A) anness.

Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal llum lkoll maggjorenni.

Illi l-partijiet ilhom separati legalment permezz ta` kuntratt redatt minn Nutar Dottor Marco Burlo` fid-19 ta` Frar tas-sena 2002 (Ara Dok. B);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom ma jghixu flimkien minn meta huma sseparaw, u cioe', aktar minn erba' (4) snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi skond l-istess kuntratt ta` separazzjoni personali l-manteniment kien pagabbli lill-Mara limitatament ghall-interessi tal-minuri; obbligazzjoni illi llum m'ghadux effettiv stante illi wlied il-partijiet huma kollha maggjorenni u finanzjarjament indipendenti, u li hi ma tvanta l-ebda jedd ghal manteniment.

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Lulju 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mid-19 ta' Frar 2002;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.